MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-7 ta' April, 2005

Talba Numru. 2775/2002

**Faros Limited**

**Vs**

**Zurrieq Football Club**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Novembru 2002 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm1214.23 (elf mitejn u erbatax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) dovuti ghal prodotti mibjugha u kkonsenjati.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici qed titlob is-somma ta' elf mitejn u erbatax-il lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1214.23) dovuti mill-Club konvenut bhala prezz ta' prodotti varji li kienet bieghet lill-istess club konvenut fuq struzzjonijiet tieghu u dan skond il-fatturi hawn annessi u

mmarkati Dok 'FA1-FA4'. Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-imghax bit-8% mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez kollha konnessi ma' din il-kawza inkluza ta' l-ittra bonarja datata 31 ta' Ottubru 2002 (Dok FA5).

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub mhux dovut mis-socjeta` konvenuta;

2. Illi fit-tieni lok l-ammont indikat fit-talba jirrifletti spejjez a karigu tal-istess socjeta` attrici u dan fid-dawl tal-fatt illi s-socjeta` attrici giet interpellata bosta drabi mis-socjeta` konvenuta biex tiehuu l-merkanzija izda baqghet inadempjenti.;

3. Illi fit-tilet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hi wahda esagerata.

4. Salv eccezzjonijiet ohrajn u bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi dak li qed jigi kontestat mill-club konvenut li huwa li diment li l-merkanzija ma nbidlitx da parti tas-socjeta` attrici, allura huwa waqqaf l-pagamenti. Id-dokumrnti esibiti mis-socjeta` attrici Fol 2 – 10 tal-process huwa ndelibbli fil-kwalita ta' kuntratt li gie patwit bejn il-partijiet "Ictu oculi", in-negozju kien wiehed ta' bejgh "sic et simpliciter" minghajr obbligu ta' ritorn/bdil tal-oggetti mibjugha, konsenjati u accettati mill-konvenut.

Il-club konvenut jallega li kien hemm dan il-ftehim, liema ftehim gie negat "ab initio" mis-socjeta` attrici. In vista ta' din l-allegazzjoni kien jisgombi fuq il-konvenut li jaghti prova tieghu. Kull ma gie miftiehem kien unikament dilazzjoni fil-pagament!

Jirrizlta ukoll li mhux talli l-pagament ma baqghux isiru izda li c-cheques li gew moghtija, ma gewx onorati mill-Bank minhabba nuqqas ta’ fondi, anzi mizmuma!

Jirrizulta ukoll li r-ragunijiet moghtija mhux gustifikati, u ghalhekk l-eccezzjoniet ma ghandhomx jigu suffragati.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa t-talbiet attrici u jikkundannah ihallas is-somma ta’ elf lira mitejn u erbatax-il lira u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1214.23), bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------